**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Marbeck Cremona ta' 22 sena, bint Anthony u Lina xebba Attard li toqghod 44, Triq il-Kappilan Hili, Fontana, Ghawdex.**
**(I.D. No. 29477G)**

Illum 7 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata talli fid-19 t'Ottubru 1999 ghall-habta tas-7:35am fi triq Indipendenza kantuniera ma triq Papa Pius IX, Qala, Ghawdex, (1) saqet karozza Nru EAZ 157 b'manjiera traskurata u perikoluza, (2) aktar talli waqt li kienet issuq il-vettura msemmija, naqset li tieqaf meta kien hemm sinjal tat-traffiku 'STOP', (3) aktar talli fl-istess data, hin u post, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, habtet ma vettura nru. MVH 007 u kkagunatilha hsarat b'detriment ghal Dr. Michael Vella Haber mill-Qala, Ghawdex.

Semghet ir-rinunzja tal-partijiet;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi stante rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit kwantu t-tielet akkuza;

Dwar l-ewwel u t-tieni akkuza stante li ma xehed hadd dwar l-incident, ma jkunx gust illi din il-Qorti tiggudika fuq skizz dwar ir-responsabilta kriminali o mena tal-imputata;

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputata hatja u tilliberaha.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur